

Brussell, 11 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

10321/26

TRANS 396

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	9827/26
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fid-disa' sessjoni tal-Kumitat ad hoc dwar l-Affarijiet Legali u l-Kooperazzjoni Internazzjonali tal-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (OTIF) rigward l-emendi proposti għar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat ad hoc - Adozzjoni

I. INTRODUZZJONI

1. Id-disa' sessjoni tal-Kumitat ad hoc dwar l-Affarijiet Legali u l-Kooperazzjoni Internazzjonali tal-OTIF hija ppjanata li ssir bejn it-23 u l-24 ta' Ġunju 2026 f'Berne, l-Iżvizzera.
2. Il-Kumitat ad hoc huwa mistenni jadotta deċiżjoni li temenda r-Regoli ta' Proċedura tiegħu, fir-rigward tad-drittijiet tal-membri, tal-membri assoċjati u tal-osservaturi, sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mar-regoli ta' proċedura ta' organi oħra tal-OTIF. L-att previst ser isir vinkolanti għall-partijiet f'konformità mal-Artikolu 16 §10 tal-Konvenzjoni li tirrigwarda t-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (COTIF), li skontu l-Kumitati tal-OTIF għandhom jistabbilixxu r-regoli ta' proċedura tagħhom, u mal-Artikolu 30 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat ad hoc, li skontu dawn ir-Regoli jistgħu jiġu emendati, kompletament jew parzjalment, b'deċiżjoni ta' dan il-korp.

3. Peress li l-Unjoni hija parti kontraenti għall-COTIF, l-att previst ser ikun vinkolanti għall-Unjoni skont id-dritt internazzjonali. Għalhekk jeħtieġ li tiġi stabbilita pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fid-disa' sessjoni tal-Kumitat ad hoc.
4. Fit-28 ta' Mejju 2026, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fid-disa' sessjoni tal-Kumitat Ad Hoc dwar l-Affarijiet Legali u l-Kooperazzjoni Internazzjonali tal-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (OTIF) fir-rigward tal-emenda tar-Regoli ta' Proċedura tagħha¹.

II. ĦIDMA FIL-KORP PREPARATORJU

5. Il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art eżamina l-proposta fil-laqgħa tiegħu tal-5 ta' Ġunju 2026.
6. Id-delegazzjonijiet qablu li l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fir-rigward tar-Regoli ta' Proċedura għandha tkun favur l-adozzjoni tal-emendi proposti. Madankollu, id-diskussjonijiet matul il-laqgħa wasslu għall-konklużjoni li l-kompetenza dwar il-kwistjonijiet organizzattivi orizzontali, bħall-emenda prevista tar-Regoli ta' Proċedura, għandha ssegwi kompetenza sostantiva li taħtha taqa' l-COTIF. Għalhekk, għandha tkun imħallta, u mhux esklużiva għall-UE kif iddikjarat mill-Kummissjoni.
7. It-test tal-premessi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill ġie sussegwentement emendat biex jirrifletti dak il-fatt.
8. Barra minn hekk, id-delegazzjonijiet qablu li l-Kummissjoni tesprimi l-pożizzjoni inkwistjoni fil-laqgħa tal-Kumitat ad hoc u, jekk meħtieġ, teżerċita d-drittijiet tal-vot.

¹ Id-dokument 9827/26.

III. KONKLUŻJONI

9. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden japprova l-abbozz ta' Deċiżjoni kif jinsab fid-dokument 9930/26, rivedut mill-ġuristi lingwisti, u jibagħtu lill-Kunsill għall-adozzjoni.
 10. Ladarba jiġi adottat, il-Parlament Ewropew jiġi infurmat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill.
-